MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 11/2001/1

**Agent Kummissarju ta' l-Artijiet**

**v.**

**Ignatius Licari, bhala Likwidatur ghan-nom u in rappresentanza ta' Farr Ltd ghall-Utile Dominju Perpetwu**

**Il-Qorti:**

Dana l-appell hu identiku ghal dak li qed jigi deciz illum stess fil-kawza fl-ismijiet ***Kummissarju ta' l-Artijiet v. Ignatius Licari, bhala Likwidatur ghan-nom u in rappresentanza ta' Farr Ltd ghall-Untile Dominju Perpetwu*** (Rik. nru 9/2001 PS). Il-kwistjoni principali hi jekk il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet setax legalment jaghmel "referenza kostituzzjonali" skond il-provvedimenti tal-Artikoli 46(3) u 4(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel piena referenza ghal dik is-sentenza – cioe` fil-kawza Rik. nru 9/2001 PS – u ghar-ragunijiet fiha moghtija, u taddottaha ghall-finijiet ta' dan l-appell.

Konsegwentement, ghar-ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fir-risposta tieghu tal-14 ta' Gunju, 2001 fis-sens li r-referenza hija nulla stante li l-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet ma setax jaghmel tali referenza skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, tilqa' ghalhekk l-appell minnu interpost, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet premessi, u tibghat l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din timxi konformement ma' din id-decizjoni. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------